MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Numru. 638/2006

Il-Pulizija
(Sup Mario Bonello)
vs
Habesh Ismael, iben Omar, imwieled il-Libja fl-1 ta' jannar, 1971

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-27 ta' ġunju, 2006 għal habta ta' nofs in-nhar ġewwa tal-Pieta' flimkien ma persuna oħra ikkometta serq ta' flus u mobile li l-valur tagħhom hu ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) iżda anqas minn ħames mitt lira maltin (Lm500) liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-vjolenza għad-dannu ta' Annabelle Camilleri;
2. talli fl-istess perjodu,żmien lok u ċirkostanżi flimkien ma persuna oħra kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-

persuna ta’ Annabelle Camilleri skond ma ċċertifika Dr. Joseph Galea M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;
3. talli fl-istess perjodu, żmien, lok u ċirkostanżi hedded lil Annabelle Camilleri bil-kliem;
4. talli fl-istess perjodu, żmien, lok u ċirkostanżi kiser il-paċi pubblika b’għajjat u bil-ġlied;
5. talli hu sar reċidiv b’diversi sentenżi.
Il-Qorti ġiet mitluba li mnbarra li tagħti l-piena skond il-liġi, biex tipprovdi għas-sigurta’ ta’ l-imsemmija Annabelle Camilleri, flimkien mal-piena torbot lill-imsemmi Habesh Ismael b’obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali li jidhirlha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-27 ta’ ġunju, 2006 għal habta tal-12.00 p.m. Annabelle Camilleri marret l-Isptar San Luqa għal raġunijiet mediċi bil-karozza tagħha. Hi sabet post battal u kif kienet dieħla fil-post l-imputat mar fuqha u qallha li ma tistax tħalli l-karozza hemm. Hi staqset lill-imputat jekk kienx il-parker u l-imputat irrisponda fin-negattiv. Għalhekk, Annabelle Camilleri qabdet hu pparkjat il-karozza fil-post imsemmi.

Illi Annabelle Camilleri ħarġet mill-karozza u kif sakkritha ġiet aggredita mill-imputat u persuna oħra ta’ sess femminili li rrizulta li kien jisimha Michelle Bugeja.

Illi skond ix-xhieda ta’ Annabelle Camilleri, l-imputat ħatfilha l-handbag minn idejha u minn hemm seraq Lm90 fi flus kontanti u mobile tal-marka Motorola pink.

Illi kosegwenza ta’ din l-aggressjoni Annabelle Camilleri xehdet li sofriet feriti ta’ natura ħafifa wkoll. Hi xehdet li l-

imputat kien responsabbli għal xi wħud minn dawn il-ġrieħi.

Illi l-unika prova prodotta mill-imputat kienet ix-xhieda ta' Michelle Bugeja li xehdet li l-imputat kien qed iżommilha post biex hi tkun tista' tipparkaj l-karozza tagħha u meta rat li Annabelle Camilleri ħaditilha postha spiċċaw iġġieldu.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizulta edba theddid fil-konfront ta' Annabelle Camilleri.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti l-versjoni ta' Annabelle Camilleri hi waħda li titwemmen u għalhekk il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni ħlief għall-akkuża tat-theddid.

Illi l-imputat hu reċidiv skond is-sentenżi eżebiti fl-atti ta' din il-kawża.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 221(1), 261(a)(ċ), 262(1)(a), 267, 276, 277(a) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------